MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 927/2007

**Av. David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-PL Liliana Buhagiar li b' digriet tal-20 ta' Settembru 2007 gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' SARL Ben Moussa Redha Khenchela Algeria.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG

datat 3 ta' Settembru 2007 a fol 1 tal-process fejn ppremettew : -

Illi l-ewwel socjeta' rikorrenti adidas International Marketing B.V., ta' Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv maghruf bhala "three stripes device" liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A";

Illi din l-ewwel socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju distintiv "three stripes device" fil-komplessita' tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 29740 (kif muri f'Dok. "A"), kif ukoll minhabba l-fatt illi din l-ewwel socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku "three stripes device" u dan kollu *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi t-tieni socjeta' rikorrenti adidas-Salomon AG, ta' Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti "B", "C", "D" u "E";

Illi din it-tieni socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markji distintivi "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" fil-komplessita' taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f'Dok. "B"), *Trademark No.* 30173 (kif muri f'Dok. "C"), *Trademark No.* 13562 (kif muri f'Dok. "D"), u *Trademark No.* 29878 (kif muri f'Dok. "E"), kif ukoll minhabba l-fatt illi din it-tieni socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinnji jew xoghlijiet artistici "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" u dan kollu

*ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi jirrizulta illi fit-2 ta' Awissu 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM YLANG”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu markji simili hafna u kwazi identici ghal markji tas-socjetajiet rikorrenti “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, u “adidas” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b’Container Numru TEXU4814447 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru XMPC025217 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala SARL Ben Moussa Redha Khenchela Algeria, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala GMT Collections (U.K.) Ltd. Flat D,21F, International Trade Residential and Commercial Building, No.3009 Nan Hu Road, Shenzhen, China;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ propjeta’ intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-Artiklu 2(1) (a) (i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414, li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device”, “three stripes device on clothing”, u “adidas”, kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet tal-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xoghlijiet artistici protetti bil-KAP. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1) (b) tal-KAP.

414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tal-ewwel socjeta’ rikorrenti adidas International Marketing B.V. f’isem iz-zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “F”);

Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu z-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “G”);

Illi l-Avukat Dr. David Tonna nomine ddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjetajiet attrici talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta’ rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b’Container Numru TEXU4814447 da parti tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta din is-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront

tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon AG, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b'Container Numru TEXU4814447 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' din is-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghlijiet artistici taghha "three stripes device on clothing" u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u hdax-il dokument (11) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "K" kif jidhru a fol. 9 sa fol. 49 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* datat 3 ta' Settembru 2007 a fol. 53 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' intimata SARL Ben Moussa Redha Khenchela Algeria fl-atti tar-Rikors fuq imsemmi u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` Carmelo Caruana Company Limited. Il-Qorti kif hekk presjeduta rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxalli u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija l-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fl-20 ta' Settembru 2007 kif jidher a fol. 54 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2007, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li l-kuraturi deputati Dr. Mark Busuttil u l-PL Liliana Buhagiar gew notifikati kemm bir-rikors u kemm bl-avviz ta' smigh kif jidher *a tergo* ta' fol. 57 u fol. 58 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. David Tonna *nomine* datata 16 ta' Ottubru 2007 a fol. 60 tal-process li biha esebixxa prospett (Dok. "DT2") li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta' l-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' s-sitt talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat.

Flimkien mal-prospett gew annessi tliet dokumenti mmarkati Dok. “PR 1” sa Dok. “PR 3”.

Rat in-nota ta’ Dr. David Tonna *nomine* datata 16 ta’ Ottubru 2007 a fol. 66 tal-process li biha pprezenta l-affidavit ta’ l-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “GA 1”) kif ukoll il-kopja originali tar-rapport ta’ l-analizi mahrug minn Timothy Behean (Dok.“F” kif sottomessa mar-rikors) bhala rapprezentant legali tas-socjeta` estera rikorrenti adidas International Marketing B.V., ghas-socjetajiet rikorrenti (Dok “DT 1”).

Rat li l-kuraturi deputati Dr. Mark Busuttil u l-PL Liliana Buhagiar gew notifikati kemm bir-rikors guramentat kif ukoll bl-avviz tas-smigh tal-kawza fit-12 ta’ Ottubru 2007 (*a tergo* ta’ fol. 57 tal-process).

Rat li ma giet ipprezentata l-ebda risposta guramentata.
Rat li l-istess kuraturi deputati gew notifikati bin-noti attrici datati 16 ta’ Ottubru 2007 kif jirrizulta mir-riferta datata 18 ta’ Ottubru 2007 (*a tergo* ta’ fol. 65) u bin-nota attrici datata wkoll 16 ta’ Ottubru 2007 (fol. 66) fejn gew prezentati affidavits ta’ George Agius (Dok. “GA 1”) u rapport mahrug minn Timothy Behean (Dok. “DT 1”) u l-istess gew notifikati lill-kuraturi deputati kif jidher mir-riferta relattiva datata 18 ta’ Ottubru 2007 (*a tergo* ta’ fol. 72 tal-process).

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghas-socjeta’ attrici li ddikjara li ma ghandux provi izjed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2007.

Rat ix-xhieda kollha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza maghmula mis-socjetajiet attrici bhala proprjetarji rispettivi tal-markji hemm indikati fir-rikors guramentat, tant li l-ewwel socjeta' attrici adidas International Marketing B.V. jirrizulta li ghandha l-proprjeta' tal-markju distintiv "three stripes device" fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra u tal-proprjeta' industrijali tal-istess markju registrat hawn Malta bit-Trademark Numru 29740, u wkoll hija detentrici tad-drittijiet tal-awtur skond il-ligi tad-disinn u xoghol artistiku "three stripes device", fil-waqt li t-tieni socjeta' adidas-Salomon A.G. hija min-naha taghha proprjetarja tal-markji distintivi maghrufa bhala "three stripes device on clothing", "trefoil device", u "adidas" fuq diversi prodotti bhala abiljament tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u wkoll tad-dritt ta' proprjeta' industrijali fuq l-istess marki tant li l-istess huma registrati Malta bhala Trademarks Numri 10994, 30173, 13562, u 29878, apparti li hemm ukoll id-drittijiet tal-awtur fuq l-istess, kollox kif jinsab indikat fl-ewwel erba' paragrafi tar-rikors guramentat u d-dokumenti hemm imsemmija Dok. "A" sa Dok. "E" annessi mal-istess rikors guramentat.

Illi jirrizulta illi fit-2 ta' Awissu 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM YLANG", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu markji simili hafna u kwazi identici ghal markji tas-socjetajiet rikorrenti "three stripes device", "three stripes device on clothing", u "adidas" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b'Container Numru TEXU4814447 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi jirrizulta fis-6 ta' Awissu 2007 l-istess container gie ezaminat mill-ufficjali tad-Dwana u nstabu l-istess zraben sportivi bil-marki ndikati li kien hemm suspett li kienu kontrafatti u wara li l-istess xoghol inzamm mid-Dwana sabiex jigu ezaminati kampjuni ta' l-istess, u s-socjetajiet attrici gew informati b'dan kif indikat mix-xhieda ta' George Agius bhala ufficjal tad-Dwana (affidavit tieghu

datat 15 ta' Ottubru 2007 – Dok. "GA 1"), rrizulta li fil-fatt l-istess konsenja kienet kontrafatta skond rapport maghmul minn Timothy Behean datat 28 ta' Awissu 2007 (Dok. "F" u Dok. "DT 1") u ghalhekk saret din il-kawza bit-talbiet relattivi fir-rikors guramentat datat 3 ta' Settembru 2007 bit-talbiet hemm indikati.

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **"Av. Dr. David Tonna nomine vs Dr. Leslie Cuschieri et nomine"** (P.A. (LFS) – 14 ta' April 2005) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (TM) – 2 ta' Frar 2006); **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u **"Av. Dr. David Tonna et nomine vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Novembru 2006) u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "K" u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "GA 1" – fol. 67) tas-15 ta' Ottubru 2007 li kkonferma dak kollu premess u li l-istess oggetti mertu tal-kawza odjerna ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana.

Illi l-ispejjez sabiex issir id-distruzzjoni ta' l-istess oggetti hija elenkata fin-nota ta' l-istess rikorrent Dr. David Tonna *nomine* datata 16 ta' Ottubru 2007 skond prospett immarkat bhala Dok. "DT 2" (fol. 61) u din l-ispiza tammonta ghal Lm1,653.57 (€3,851.78), skond kif spjegata fid-Dok. "PR1" sa Dok. "PR3" esebita bl-istess nota medessima tas-16 ta' Ottubru 2007. Illi allura ma hemm ebda dubju li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati u peress li jirrizulta li hemm ksur tal-ligijiet kollha indikati fir-rikors guramentat din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn indikat, b'dan li din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**tal-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti u attrici, illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP. 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi fil-konfront tal-ewwel socjeta' rikorrenti, jigifieri adidas International Marketing B.V., illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b'Container Numru TEXU4814447 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' din is-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Tiddikjara u tiddeciedi fil-konfront tat-tieni socjeta' rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon AG, illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti fi hmistax-il elf u mija u ghoxrin (15,120) par, b'Container Numru TEXU4814447 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali ta' din is-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta'

Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, u 29878 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghlijiet artistici taghha "three stripes device on clothing" u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex a bazi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggu iz-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha *invista* ta' dak deciz f'din s-sentenza u in partikolari dak ordnat li jsir skond ir-raba' talba attrici.

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414 u dan fl-ammont ta' elf, sitt mija u tlieta u hamsin Lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,653.57) ekwivalenti ghal tlett elef, tmien mija u wiehed u hamsin punt tmienja u sebghin Ewro (€3,851.78)

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------